MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 41/1988/1

**Carmelo Cascun**

**Vs**

**Carmelo Scicluna f'ismu u bhala kuratur tal-assenti Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Barnardina kif konfermat fl-atti tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987, u Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Grazzja mart Carmelo Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Maria mart Vincent Cascun, Joseph Scicluna, Joseph u Carmen ahwa Grixti u Antonio Scicluna bhala eredi prezenti tal-mejta Carmela Scicluna u l-Avukat Dottor Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju tal-istess Carmela Scicluna u wara l-mewt ta' Josephine Farrugia l-atti gew trasfuzi f'isem Mario Farrugia u Carmelo Farrugia**

Wara s-sentenza parzjali tad-9 ta' Lulju 2012, fadal li tinghata sentenza fuq il-meritu. Il-qorti taghmel riferenza ghal dik is-sentenza ghal dak li jirrigwarda mal-fatti relatati mal-kaz. Permezz ta' din il-kawza l-attur irid li l-konvenuti jigu kkundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv b'riferenza ghall-konvenju li kien iffirma fil-5 ta' Marzu 1987 ma' Carmelo Scicluna fir-rigward tal-fond Sacred Heart, Blat il-Qamar Road, Siggiewi ghall-cens ta' Lm50 fis-sena.

L-ezekutur testamentarju ddikjara li qatt ma kien irrifjuta li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili u li kien ghadu dispost jersaq fuq il-kuntratt.

Il-konvenuti Grazzia Farrugia, Angela Farrugia, Joseph Grixti u Carmen Grixti eccepew li l-kawza hi ntempestiva ghaliex l-att finali qatt ma seta' jigi pubblikat, u li l-konvenju sar bi frodi tad-drittijiet taghhom bhala werrieta tal-mejta ommhom Carmela Scicluna.

Il-konvenju tal-5 ta' Marzu 1987 kien sar bejn Carmelo Scicluna min-naha u l-attur min-naha l-ohra. Il-partijiet ftehemu li Scicluna jaghti b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-fond li fil-konvenju hu deskritt bhala *"il-garage sottopost ghall-beni ta' Giuseppe Scicluna li jgib l-isem Scicluna's Garage li qieghed fisqaq minghajr isem li jisbokka fuq Blat il-Qamar Road minghajr numru u tal-kamra kontigwa ghall-imsemmi garage u li ma ghandha ebda bieb ghat-triq jew ghas-sqaq fuq imsemmi u li jikkonfinaw……"*.

Fid-dikjarazzjoni guramentata ta' Grazzia Farrugia et, li saret man-nota ta' l-eccezzzjonijiet, gie ddikjarat li:-

*"Illi azzjoni odjerna hi intempestiva stante illi l-att finali qatt ma seta' jigi ppubblikat minhabba illi l-permessi relattivi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma hargux."*.

Jissemma li l-konvenuti Joseph u Carmen ahwa Grixti ghadhom ma pprezentawx id-denunzja ta' ommhom li mietet fil-31 ta' Mejju 1987. Ma jirrizultax jekk din saritx fil-mori ta' dawn il-proceduri. F'kull kaz hu d-dmir ta' Grixti li jizguraw li ssir id-denunzja relatata mal-wirt ta' ommhom. Dan in-nuqqas ma jfissirx li din ir-raguni tista' sservi bhala skuzanti biex ma jwettqux l-obbligu.

Inoltre ma tezisti l-ebda provi li kien hemm xi frodi.

Ghalhekk a bazi tal-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti, m'hemmx raguni ghalfejn it-talba tal-attur ghandha tigi michuda.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**2. Tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' enfitewsi perpetwa tal-fond Sacred Heart, Blat il-Qamar Road, Siggiewi taht il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-konvenju tal-5 ta' Marzu 1987. Ghal finijiet ta' pubblikazzjoni tal-att tinnomina lin-nutar Dr Annalise Micallef u lil Dr Maxilene Pace biex tidher ghal dawk il-konvenuti li ma jattendux ghall-kuntratt. L-att jigi ppubblikat fit-8 ta' Jannar 2013 f'12.00 p.m. fil-bini tal-qorti. Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------